# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 602/00/SM**

**Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in-rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone (Malta) Ltd gia Telecell**

**vs**

**Paul Muscat**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn disa u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (LM269.36), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-17 ta' Lulju, 1995 sas-16 ta' Ottubru, 1995;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta' Jannar, 1997 u tal-ittra ufficjali ta' April, 1997 u bl-imghax legali mill-1 ta' Awissu, 1997 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 t'April tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**